# Il-Beata Franġiska d'Amboise



**Il-Ħajja ta' Franġiska**

Mal-Brettanja (Franza) kollha kulħadd kien jaf u jgħid kemm id-Duka Pietro kien igħir għal martu. Dan id-Duka kien laħaq fuq it-tron tal-Brettanja fl-1450 wara l-mewt ta' missieru u ta' ħuh akbar minnu. Kien inkurunat flimkien ma' martu Franġiska fil-Katidral ta' Rennes. Fi żmienha d-Dukessa kienet neħħiet ħafna lussu żejjed mill-palazz. Kienet tħobb tgħin lill-fqar u lin-nies bla xogħol u sikwit kienet tmur iżżur lin-nies morda saħansitra f'darhom. Għamlet minn kollox biex id-Duka żewgħha jmexxi bil-ħaqq u b'qalb tajba, u ħafna baqgħu jiftakruhom billi kienu jsemmu s-seba' snin li damet fuq it-tron bħala "Iż-żmien tad-Dukessa l-Qaddisa".

B'danakollu kienet iġġarrab wisq minħabba l-għira tad-Duka, għalhekk kulħadd baqa' mistagħġeb meta fl-1457, waqt li d-Duka kien qiegħed imut f'qasir il-għomor, sejjaħ lil martu Franġiska, bint Lwiġi, il-Konti ta' Thoriars u ta' Marija mill-Barunijiet Encensis. Kif waslet quddiemu, imdawwar kif kien minn ħafna kbarat, qal b'leħen għoli: "Jien lil marti Franġiska ħadtha xebba u sejjer inħalliha xebba."

Franġiska msejħa d'Amboise kellha tletin sena meta sfat armla. Kien għad għandha erba' snin meta skond id-drawwa ta' dak iż-żmien ġiet imwiegħda bħala għarusa lil dak li biż-żmien kellu jkun żewgħha. Trabbiet minn Ġiovanna, oħt Karlu VII – Re ta' Franza – u li 'l quddiem saret il-kunjata tagħha meta ta' ħmistax-il sena żżewġet lil Pietru d-Duka. Minn ċkunitha kellha qalba tajba u dħulija. Kellha wkoll qima kbira lejn l-Ewkaristija. L-għaxqa tagħha kien il-quddies u t-tqarbin ta' spiss li f'dak iż-żmien ma tantx kienet ħaġa tas-soltu. Kemm xebba u kemm miżżewġa kellha kuraġġ kbir biex tbati u ġġorr kull salib li Alla għoġbu jibgħatilha. Ma kienet xejn tad-dinja.

Għal daqshekk meta romlot bdiet tħossha aktar miġbuda lejn il-ħajja reliġjuża. Għalxejn Ludoviku XI, Re ta' Franza, ħajjarha u ressqilha ħbieb tiegħu nobbli għax ma riditx taf bit-tieni żwieġ. Min-naħa l-oħra Alla laqqagħha mal-Beatu Ġiovanni Soreth, Ġeneral tal-Karmelitani, li kien qiegħed jagħmel l-ewwel sisien biex iwaqqaf l-Ordni

www.fleurdelysparish.com

Karmelitan tas-Sorijiet. Dan il-Beatu ħeġġeġ ferm lil Franġiska għall-ħajja tar-ruħ, u taħt it-tmexxija tiegħu mxiet ferm fit-triq tal-qdusija. U wara ħafna talb u pariri Franġiska fl-aħħar qatgħetha li tħalli kulma kellha u tħaddan il-ħajja ta' faqar u talb fost is-sorijiet Karmelitani li kienu għadhom kemm fetħu l-ewwel monasteru f'Lieġi.

Malli Franġiska saret Karmelitana warrbet kull ġieħ u isem ta' din l-art u riedet tissejjaħ minn kulħadd bħala "Il-qaddejja ta' Kristu". Is-sorijiet Karmelitani kienu għadhom ftit u kellhom bżonn min imexxihom. Il-Beata Franġiska wara ftit taż-żmien ġiet għalhekk maħtura superjura, u taħt it-tmexxija tagħha fetħet monasteru msejjaħ "tal-Madonna tal-Iskozja" u monasteru ieħor qrib Nantes. Billi s-sorijiet Karmelitani kien għad m'għandhomx kostituzzjoni, il-Beata Franġiska ħadmet ħafna fit-tfassil ta' ġabra ta' liġijiet li jmexxu l-monasteri tal-Karmelitani. Fost dawn il-liġijiet insibu d-drawwa tat-tqarbin ta' spiss u l-wegħda li qatt ma joħorġu mill-monasteru, li għal dak iż-żmien kienet ħaġa ġdida.

Minħabba dan ix-xogħol ta' fejda li l-Beata Franġiska wettqet, baqgħet magħrufa bħala l-Fundatriċi tas-Sorijiet Karmelitani. Ta' 58 sena mardet sewwa u x'ħin ħasset il-mewt riesqa lejha sejħet lis-sorijiet tal-monasteru tagħha ta' Nantes u b'leħen għoli qaltilhom: "Fittxu, uliedi, li tħobbu fuq kollox lil Alla, għax tassew hu biss jixraqlu l-imħabba tagħna". Hija mietet fl-4 ta' Novembru 1485 u minn dak iż-żmien l-Ordni Karmelitan ta' qima lil din is-soru, Franġiska d'Amboise.

Il-fdal tagħha baqa' dejjem meqjum fil-monasteru u hemm ħafna li qalu kemm din il-beata qalat grazzji, mhux ħafna grazzji ta' fejqan imma iżjed grazzji ta' paċi fejn ikun hemm ħafna taħwid u niket. Tajjeb għalhekk naraw kemm għandna bżonn l-interċessjoni tagħha f'dan iż-żmien.

**Ir-Rivoluzzjoni Franċiża**

Naħseb kulħadd jaf bir-rivoluzzjoni Franċiża u kemm farket kunventi. Immaġinaw l-Karmelitani kellhom mas-700 kunvent qabel ir-rivoluzzjoni u wara r-rivoluzzjoni lanqas wieħed ma kien fadal. Il-monasteru tal-Beata Franġiska wkoll ġie attakkat u l-fdal tagħha ġie maħruq ukoll. B'xorti kbira l-librerija tal-monasteru ittieħdet mal-kotba f'post pubbliku u ma ġietx meqruda. Xi studjużi tas-seklu għoxrin reġgħu sabu dawn id-dokumenti prezzjużi għall-Karmelu.

**L-Unika Relikwa**

Lill-Ġeneral tal-Ordni kienet ġiet mogħtija relikwa tagħha, biċċa għadma mhux ħażin u din kienet fil-"Curia Generalizia dei Carmelitani", f'Ruma. Din ir-relikwa qegħda f'ostensorju tal-injam fin tal-ebbanu u fejn hemm din l-għadma hemm xogħol fin u sabiħ tal-fillugranu tal-fidda. Peress hi hija xogħol Franċiż u n-nobbiltà Franċiża dejjem użat il-Fleur-de-Lys, allura d-disinn ta' madwar ir-relikwa huwa kollu mżejjen

www.fleurdelysparish.com

bil-Fleur-de-Lys. Meta fis-sena 2001 kien hawn għall-beatifikazzjoni ta' San Ġorġ Preca, l-Beatu Nazju Falzon u l-Beata Adeodata Pisani, il-postolatur tal-Ordni Karmelitan qal li din ir-relikwa tal- Beata Franġiska hija l-uniku li qatt ra. Din ir-relikwa ġiet Malta meta ġie lura Fra Elija Axiaq. Dan il-Fra kien talab ir-relikwa lill-Ġeneral tal-Ordni. Fra Elija kien stmat u ammirat ħafna għall-bżulija tiegħu u għas-skiet, u għalhekk il-Ġeneral tah mhux biss ir-relikwa tal-Beata Franġiska imma wkoll tal-Beata Arkanġla Ġirlani, flimkien mad-dokumenti tal-awtentiċità tar-relikwi. Fra Elija ħadhom fil-Knisja tal-Karmnu tal-Belt Valletta fejn għadhom sallum.

Il-Papa Piju IX fl-1863 ħatarha bħala Beata. It-tifkira tagħha issir fil-5 ta' Novembru, il-ġurnata qrib il-mewt tagħha, jew aħjar it-twelid tagħha għas-sema.

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on

***fleurdelysmalta.parish***

www.fleurdelysparish.com